MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 2106/2003

**Korporazzjoni ghas-servizzi ta’ l-Ilma**
**f’isimha proprju u ghan-nom ta’ l-Enemalta**

**vs**

**John Sciberras**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta’ Novembru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-Korporazzjoni attrici proprio et. nomine s-somma ta’ mitejn u tmienja u tletin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm238.36) rappresentanti kontijiet pendenti ghal konsum ta’l-ilma u kera ta’ meter ta’l-ilma u ghal konsum ta’l-elettriku u kera ta’ meter ta’l-elettriku, li jammontaw ghl Lm151.93 fuq il-fond Orchidea, Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar ghall-perijodu bejn l-24 ta’ Awissu 1993 sas-16 ta’ Lulju 1997 u fl-ammont ta’ Lm86.43 dovuti fuq il-fond Toussaint Flat 2, Triq F.Tortell, Paola ghall-perijodu bejn it-3 ta’ Novembru 1993 sat-3 ta’

Dicembru 1999 skond il-kontijiet numri 970270170 u 260517960 rispettivament u d-dokumenti annessi ma’l-avviz, immarkati bhala Dokumenti WSC1 u WSC2.

Bl-ispejjez, inkluzi Lm8.50 spejjez ta’l-ittra ufficjali tas-27 ta’ Settembru 2000 u bl-imghax kummercjali kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni .

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-Korporazzjoni attrici proprio et. nomine sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut, ma deherx la fis-seduta tat-28 ta’ Novembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Korporazzjoni attrici proprio et. nomine s-somma ta’ mitejn u tmienja u tletin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm238.36), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra uffijcali tas-27 ta’ Settembru 2000 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------